**PRIM'AWLA QORTI CIVILI**
**(SEDE KOSTITUZZJONALI)**
**ONOR IMHALLEF TONIO MALLIA**

**Illum 05 ta' Ottubru, 2017**

**Kawza Numru:**

**Rikors Kostituzzjonali Numru: 44/2014 TM**

**Dr. Joseph Giglio bhala mandatarju specjali ta' Rakhat Shoraz maghruf bhala Rakhat M. Aliyev u Elnara Shorazova**

**vs**

**Avukat Generali; u**

**Ministru ghall-Intern u s-Sigurtà Nazzjonali**

**Ministru ghall-Gustizzja**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors li r-rikorrenti Rakhat Shoraz u Elnara Shorazova pprezentaw fis-16 ta' Gunju, 2014 u li jaqra hekk:

Illi r-rikorrent Rakhat Shoraz kien cittadin tal-Kazakhstan imwieled gewwa Almaty nhar il-10 ta' Dicembru 1962 fejn fis-7 ta' Ottubru 1983 izzewweg lil Dariga Nazarbayeva, bint Nursultan Nazarbayev, liema zwieg gie terminat 'in absentia' mil-istess Nursultan Nazarbayev nhar it-13 ta' Gunju 2007.

Illi sussegwentement ir-rikorrent Rakhat Shoraz izzewweg lir-rikorrent Elnara Shorozova u minn dan iz-zwieg twieldu zewgt it-tfal.

Illi Nursultan Nazarbayev m'huwiex biss missier l-eks mara tar-rikorrent Rakhat Shoraz izda ukoll u fuq kollox, il-President tal-Kazakhstan u ilu jmexxi dana l-pajjiz taht sistema dittatorjali sa mill-1989.

Illi sa minn qabel id-divorzju 'in absentia' tar-rikorret minn ma' martu, r-rikorrent Rakhat Shoraz kellu differenzi kbar ta' opinjoni mal-President Nazarbayev, l-aktar dwar il-mod ta' kif kien qieghed jmexxi l-pajjiz, senjatament in-nuqqas ta' demokrazija u rispett lejn d-drittijiet tal-bniedem.

Illi wara li l-esponent Rakhat Shoraz esprima l-opposizzjoni tieghu ghat-tibiddiliet fil-Kostituzzjoni tal-Kazakhstan li ried jintroduci l-President Nazarbayev, liema tibdiliet kienu jwasslu sabiex Nazarbayev kien isir President ghall-ghomru u fejn l-istess rikorrent esprima x-xewqa li jsiru elezzjonijiet hielsa sabiex anki huwa stess, jekk ikun irid, ikun f'posizzjoni li jikkontesta l-istess, b'kumbinazzjoni kbira bdew sensiela ta' akkuzi fil-konfront tieghu.

Illi per konsegwenza ta' din l-opposizzjoni u din ix-xewqa r-rikorrent gie mnehhi mill-posizzjoni li kien jokkupa dakinhar (precizament l-pozizzjoni ta' Ambaxxatur tal-Kazakhstan ghall-Awstrija) zvestit mill-immumita diplomatika u fil-konfront tieghu l-Istat tal-Kazakhstan hareg mandat ta' arrest tramite l-Interpol.

Illi dana minkejja r-rikorrent Rakhat Shoraz kompla bl-opposizzjoni tieghu ghar-regim Kazakhi u dana ghamlu permezz tal-media u billi anki kiteb kotba fejn zvela l-mod kif kien jagixxi missier l-eks mara tieghu (Dok 1).

F'tali opposizzjoni, espressa b'mod apert kontra dittatur, tezisti l-kagun ewlieni ta' persekuzzjoni u kampanja qawwija kontra tieghu, bir-regim Kazakhi jonfoq miljuni f'din is-suppost prosekuzzjoni li tixbah aktar persekuzzjoni, b'mod illi kull fejn r-rikorrent Shoraz ifittex refugju jisfa immedjatament rintraccat u rinfaccjat b'tentattivi sabiex jigi estradit lura lejn pajjizu jew b'talbiet sabiex jinhargu sanzjonijiet fil-konfront tieghu u ta' martu, r-rikorrent Elnara Shorazova.

Dawn it-tentattivi, sal-lum, ghall-diversi ragunijiet, fosthom li l-allegazzjonijiet jirrizultaw foloz u/jew fabbrikati u mhux anqas minhabba n-nuqqas ta' garanziji moghtija mit-tmexxija dittatorjali tal-Kazakhstan dwar id-drittijiet fundamentali tal-bniedem, ilkoll fallew f'kull pajjiz fejn saru, kif jidher mid-dokumentazzjoni annessa u mmarkata (ara Dok 2, Dok 3).

Illi huwa evidenti li dawn il-proceduri huma politici, instigati minn vendetta personali tar-regim tal-Kazakhstan minhabba li r-rikorrenti Rakhat Shoraz kisirha kemm mal-President innifsu kif ukoll sabiex ir-regim Kazakhi jaghti twissija lil kull minn johodha kontra r-regim Kazakhi.  Jinghad in sostenn ta' dan li qatt ma kienu ttiehdu proceduri kontra tieghu gewwa l-Kazakhstan kemm dam hemm u l-problemi nibtu hekk kif huwa beda jikkritika t-tmexxija tal-pajjiz.

Illi ghall-habta tal-bidu tas-sena 2013, l-intimat Avukat Generali jidher li rcieva komunikazzjoni mill-awtoritajiet Kazakhi, fejn gie mitlub sabiex jimxi skond kif hemm dispost fl-Artikolu 649 et seg tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi tali talba giet fil-fatt komunikata lill-Magistrat skond kif dispost fl-Artikolu 649(1) tal-Kap. 9, fejn fost persuni ohra li gew mitluba jiddeponu, kien hemm l-istess rikorrenti, kif jidher mid-dokumenti annessi u mmarkati Dok 4 u 5 rispettivament.

Illi l-Artikolu 6a9(5) tal-Kap. 9 jipprovdi li ghall-finijiet tat-twettieq ta' din it-talba, il-Magistrat ghandu jmexxi l-procedimenti kemm jista' jkun b'mod simili daqs li kieku dawn kienu inkjesta li ghandha x'taqsam mal-*in genere*, izda ghandu jikkonforma ruhhu mal-formalitajiet u l-proceduri indikati mill-awtorità estera rikjedenti, sakemm ma jkunux kontra l-principji fondamentali tal-Ligi Maltija.

Illi fl-1 ta' Ottubru 2013, l-esponenti pprezentaw rikors lill-Magistrat lnkwirenti fejn gibdu l-attenzjoni taghha ghall-fatt li hawnhekk, it-talba ghal assistenza kienet qieghda ssir minn awtorità li ma thaddanx principji li huma konformi mal-principji fundamentali tal-Ligi Maltija, u dana skond kif spjegat fl-istess rikors anness u mmarkat Dok 6.

Illi b'digriet taghha tal-21 ta' Ottubru 2013, filwaqt li t-talba tal-esponenti kif dedotta fir-rikors giet michuda, l-istess Qorti rrimarkat li fis-smigh tal-provi, hija kienet ser tapplika l-principji mhux tal-istat rikjedenti izda l-principji tal-Ligi Maltija, filwaqt li tassigura l-harsien tad-drittijiet fundamentali taghhom, kif jidher mid-dokument anness u mmarkat Dok 7.

Illi ghalhekk il-Magistrat jidher li kompliet fit-twettiq taghha skond kif mitluba taghmel fit-termini tal-Artikolu 649 et seg tal-Kap. 9.

Illi però, b'digriet tal-25 ta' Frar 2014, u dana wara rikors tal-Avukat Generali maghmul skond id-dispoZizzjonijiet tal-Artikolu 435C tal-Kap. 9 kif ukoll tal-Artikolu 10 tal-Kap. 373, il-Qorti Kriminali harget ordni ta' imblukkar skont kif provdut fl-istess Artikolu 435C tal-Kap. 9, l-Artikolu 10 tal-Kap. 373 u l-Artikolu 24C tal-Kap. 101, kopja ta' liema digriet hija annessa u mmarkata Dok 8.

Illi tali talba saret fuq rikjesta maghmula lill-Avukat Generali mill-awtoritajiet tar-regim Kazakhi.

Illi jirrizulta wkoll li l-Magistrat li kien qieghed iwettaq ir-rikjesta mir-regim Kazakhi b'digriet tas-7 ta' April2014 harget ordni ta' iffrizar tal-proprjetà skond l-Artikolu 23A tal-Kap. 9.

Illi ghalhekk issa l-pozizzjoni tar-rikorrenti evidentement mhix aktar ta' persuni indagati mir-regim Kazakhi, izda sahansitra akkuzati mill-istess regim.

Illi ghalhekk l-intimati jew min minnhom, bl-implimentazjoni tal-mizuri ravvizati fl-Artikoli 435C u 23A *et seq* tal-Kap. 9, l-Artikolu 10 tal-Kap. 373 u l-Artikolu 24C tal-Kap. 101, qieghdin jimplimentaw mizuri li ghandhom bhala origini taghhom akkuzi minn stat dittatorjali li ma jaghti assolutament l-ebda garanziji ghall-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali tal-akkuzati, wisq inqas tal-esponenti.

Illi kif inhu maghruf, ir-regim tal-Kazakhstan mhux firmatarju tal-Konvenzjoni Ewropeja ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali, u in oltre, kull talba li ressaq dan ir-regim sabiex jirratifika l-Convention on Mutual Assrsfance in Criminal Matters u l-Convention on the lnternational Validity of Criminal Judgments, dawn it-talbiet gew michuda mill-Kumitat tal-Ministri, kif jidher mid-dokumentazzjoni annessa u mmarkata Dok 9.

Illi sa llum, l-esponenti ma huma notifikati bl-ebda proceduri mibdija fil-konfront taghhom, jew b'xi akkuzi li jinstabu pendenti li gew mibdija mir-regim dittatorjali tal-Kazakhstan immexxi minn l-eks missier il-mara tar-rikorrent, Nursultan Nazarbayev.

Illi li r-regim tal-Kazakhstan ma jirrispetta xejn id-drittijiet fundamentali tal-bniedem huwa stat ta' fatt dokumentat u kkritikat ripetutament u kontinwament mill-istampa u agenziji internazjonali, fosthom mill-agenzija Amnesty lnternational u Human Rights Watch fir-rapporti annwali taghhom, kif jidher mid-dokumentazzjoni annessa u mmarkata Dok 10.

Illi r-regim tal-Kazakhstan gie wkoll ikkritikat minn diversi pajjizi u qrati Ewropej mhux biss ghall-mod ta' tmexxija xejn demokratiku mhaddan, u prattikat, izda wkoll ghan-nuqqas ta' rispett lejn il-principji bazilari legali li jissalvagwardjaw id-drittijiet fundamentali tal-bniedem u anke ghall-mod kif dan l-istat totalitarjan jippersegwita c-cittadini tieghu gewwa pajjizi esteri meta dawn jigu kkunsidrati bhala individwi problematici u

anki jirrikorri ghat-tortura.  Recentement, sahansitra, inhatfu mara u bintha minn gewwa l-Italja, kif jidher mid-dokumentazzjoni annessa u mmarkata Dok 11.  Ta'min isemmi wkoll ir-rezoluzzloni mghoddija mill-Parlament Ewropew fil-konfront tal-Kazakhstan dwar il-massakru ta' Zhana Ozan fost hafna ohrajn, kif jidher mid-dokumentazzjoni annessa u mmarkata Dok. 12.

Illi r-rikorrent Rakhat Shoraz ilu jigi persegwitat mir-regim Kazakhi ghal diversi snin u anke jirrizulta dokumentat tentattiv fuq hajtu, kif jidher mid-dokumentazzjoni annessa u mmarkata Dok 13.

Illi issa r-rikorrenti qieghdin jigu persegwitati gewwa Malta wkoll, fejn jirrizulta li dan ir-regim sahansitra infiltra fl-edificji tal-Qorti, skont kif jirrizulta ampjament dokumentat permezz tal-annessa dokumentazzjoni mmarkata Dok 14.

Illi dan kollu jwassal ghall-konkluzjoni logika li r-rikorrenti ma jista' qatt ikollhom garanzija li l-proceduri mittiehda fil-konfront taghhom sewwa l-Kazakhstan huma gusti u imparzjali fil-qafas ta' sistema leqali li tiggarantixxi r-rispett lein id-drittijiet fundamentali tieghu, fosthom id-dritt ta' smigh xieraq, fejn lanqas biss ma jista' jkunu prezenti ghal dawn il-proceduri gewwa dan il-pajjiz li kieku jigu notifikati bihom minhabba t-theddida kostanti ghal hajjet ir-rikorrent Rakhat Shoraz u l-inkolumita ta' dawk ta' madwaru.

Illi minhabba l-fatt li qatt ma tista' tinghata garanzija ta' smigh xieraq u imparzjali fil-konfront tar-rikorrenti gewwa il-Kazakhstan, fejn, kif gjà intqal, hemm proceduri li lanqas biss jaf bihom u/jew fuq xiex precizament jikkonsistu, il-proceduri u l-passi li qieghdin jittiehdu gewwa Malta, qieghdin isiru bi vjolazzjoni tad-drittijiet fundamentali tieghu, senjatament tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja kif ukoll tal-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta.

Illi ghalhekk u konsegwentement, fil-proceduri istitwiti mill-Avukat Generali kontra rrikorrent fuq talba tal-awtoritajiet Kazakhi, proceduri istitwiti minghajr ebda gudizzju espress da parti tal-Avukat Generali, stante li fil-vesti kostituzzjonali

tieghu huwa osserva *ad litteram* il-Konvenzjonijiet li pajjizna rratifika, fihom infushom jivvjolaw id-drittijiet fundamentali tal-akkuzat, senjatament l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja, izda wkoll jilledu d-drittijiet fundamenatli tar-rikorrenti ghaliex huma indirettament kopartecipi fi process li ma jiggarantix il-livell minimu ta' protezzjoni tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti li pajjizna, bhala pajjiz demokratiku jistenna minn pajjiz li jitlob l-assistenza tieghu u in vista tan-nuqqas ta' dawn il-garanziji minimi, din l-Onorabbli Qorti ghandha tordna li dawn il-proceduri jieqfu.

Illi ghalhekk jirrizulta li t-talba ghall-assistenza mitluba mir-regim Kazakhi ma ghandhiex tintlaqa' u/jew tissokta minhabba l-fatt li l-proceduri li qieghdin isiru gewwa l-Kazakhstan fil-konfront tar-rikorrenti ma joffrux il-garanziji necessarji sabiex jigu salvagwardjati d-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti. L-Istat Malti, stat li jhaddan il-principji u r-rispett ghad-drittijiet fundamentali tal-bniedem kif fuq spjegat, ma ghandu qatt jaccetta li jintuza u jkun indirettament kopartecipi fi kwalunkwe proceduri li jabbuzaw id-drittijiet fundamentali tal-bniedem.

Illi ghandu jigi wkoll rikonoxxut u dikjarat li m'ghandha tinghata l-ebda ghajnuna legali lil pajjiz tax-xorta tal-Kazakhstan sabiex jitmexxew proceduri fil-konfront ta' persuna meta dik il-persuna tinsab f'kunflitt dirett ma' min imexxi dak il-pajjiz b'mod dittatorjali.

Illi ghalhekk, tispetta lil din l-Onorabbli Qorti li tissalvagwardja d-drittijiet fundamentali tal-bniedem jekk il-lamentala mressqa quddiemha tirrizulta gustifikata u li taghti dawk l-ordnijiet necessarji sabiex id-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti jigu mharsa, u dan anke jekk l-istat Malti jkollu imur kontra l-obbligi tieghu derivanti mill-Konvenzjonijiet internazzjonali li seta' rratifika u li nzerta li rratifika wkoll ir-regim tal-Kazakhstan.

Intalbet din il-Qorti sabiex:

1. Tiddikjara li l-proceduri istitwiti mill-Avukat Generali fuq talba tal-awtoritajiet tal-Kazakhstan jilledu d-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti, senjatament dak ta' smiegh xieraq sancit mill-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u mill-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja u d-dritt ta' tgawdija tal-propjetà sanciti inter alia fl-Artikolu 32 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 1 tal-Protokoll 1 tal-Konvenzjoni Ewropeja.

2. Tiddikjara li minhabba s-sitwazzjoni politika ezistenti fil-Kazakhstan, senjalament in-nuqqas ta' garanziji tal-osservazzjoni tad-drittijiet fundamentali tal-bniedem li jopponu t-tmexxija politika prezenti fl-istess Kazakhistan, ir-rikorrenti m'ghandhomx il-garanziji minimi li d-drittijiet fundamentali tieghu ser jigu osservati fil-Kazakhstan, liema drittijiet minimi l-Istat Malti ghandu jesigi b'konsegwenza kemm tal-Kostituzzjoni ta' Malta kif ukoll tal-obbligi internazzjonali tieghu sabiex jaghti l-assistenza rikjesta.

3. Tordna li jitwaqqfu l-proceduri kollha istitwiti mill-Avukat Generali b'konsegwenza tat-talba, wahda jew aktar, ghall-assistenza da parti tal-awtoritajiet tal-Kazakhstan fil-konfront ta' jew li ghandhom x'jaqsmu mar-rikorrenti.

4. Tordna wkoll li kull evidenza, prova, dokument, jew informazzjoni migbura b'rizultat ta' dawn il-proceduri ma jintbaghtux lill-awtoritajiet tal-Kazakhstan u tordna wkoll id-distruzzjoni taghhom fi zmien qasir u perentorju.

5. Taghti dawk l-ordnijiet, tohrog dawk l-atti u taghti d-direttivi kollha li jidhrilha li jkunu xierqa sabiex tigi rimedjata din il-vjolazzjoni.

Rat ir-risposta tal-intimati li in forza taghha eccepew illi:

Preliminarjament, l-esponenti jecepixxu l-improponibbilita' tal-azzjoni odjerna in kwantu r-rikors promotur gie prezentat minn persuni li, skont informazzjoni li ghandhom l-esponenti, huma

assenti minn Malta u ilhom hekk assenti minn Lulju 2013 u Settembru 2013 rispettivament. Illi tali nuqqas igib mieghu n-nullita' tal-att promotur.

Preliminarjament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-esponenti jecepixxu li l-Ministru ghall-Intern u s-Sigurta' Nazzjonali u l-Ministru ghall-Gustizzja mhumiex il-legittimi kontraditturi fl-azzjoni istitwita mir-rikorrenti u ai termini tal-Artikolu 181B tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta) ghandhom jigu dikjarati bhala tali u liberati mill-osservanza tal-gudizzju.

Preliminarjament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-esponenti jecepixxu l-intempestivita' tal-azzjoni odjerna in kwantu r-rikorrenti qed jallegaw ksur tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni u tal-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u dan peress li allegazzjoni ta' nuqqas ta' smigh xieraq trid tigi evalwata fit-totalita' taghha u l-istadju li qed jattakkaw ir-rikorrenti huwa stadju tal-in genere. Illi in kwantu qed issir allegazzjoni ta' ksur tal-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni, l-esponenti jissottomettu li l-azzjoni hija intempestiva stante li ma hemm l-ebda ordni ta' konfiska izda li hemm huwa biss ordni ta' frizar ta' assi.

Preliminarjament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-esponenti jecepixxu n-nuqqas ta' applikabbilita' tal-Artikolu 32 tal-Kostituzzjoni in kwantu dana l-artikolu huwa biss artikolu introduttiv li jipprovdi biss elenku tad-drittijiet fundamentali izda ma jipprovdi l-ebda dritt sustantiv.

Preliminarjament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-esponenti jecepixxu n-nuqqas ta' applikabbilita' tal-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u dan peress li l-assistenza intalbet fl-istadju meta r-rikorrenti ma kien akkuzat bl-ebda reat.

Preliminarjament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-esponenti jecepixxu n-nuqqas ta' applikabbilita' tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni u tal-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni in kwantu l-assistenza mitluba ma tinvolvi l-ebda determinazzjoni ta' akkuza kriminali.

Preliminarjament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-esponenti jecepixxu li in kwantu r-rikorrenti qed jilmentaw minn agir tal-Avukat Generali, l-esponenti jissottomettu li hemm rimedju ordinarju li r-rikorrenti ma utilizzawx qabel bdew din il-procedura: azzjoni biex jigi attakkat l-agir tal-esponenti. Ghalhekk din l-Onorabbli Qorti ghandha tastjeni milli tisma' dan il-kaz ai termini tal-Artikolu 46 tal-Kostituzzjoni u tal-Artikolu 4 tal-Konvenzjoni Ewropeja.

Rigward il-fatti tal-kaz, il-fatti kif esposti fir-rikors promotur mhumiex korretti. Madwar is-sena 2010, l-awtoritajiet Maltin ircevew talbiet ta' assistenza mill-awtoritajiet tal-Awstria sabiex jingabru provi, dokumenti u informazzjoni relattivi ghall-assi f'Malta proprjeta' tar-rikorrenti. Illi l-awtoritajiet Maltin ottemperaw ruhhom ma' tali talbiet u baghtu l-informazzjoni kollha mitluba mill-awtoritajiet tal-Awstria. Illi recentement u cioe' fis-sena 2013, l-awtoritajiet tal-Kazaksthan baghtu talbiet ta' assistenza lill-awtoritatjiet Maltin sabiex ukoll jingabru provi, dokumenti u informazzjoni relattivi ghall-ghassi f'Malta proprjeta' tar-rikorrenti. Illi tali talba saret skont dak li tipprovdi l-*United Nations Convention Against Transnational Organized Crime* li taghha huma Stati Kontraenti kemm Malta kif ukoll il-Kazakhstan. Illi dina t-talba ta' assistenza giet processata u kif jipprovdi l-Artikolu 649 tal-Kodici Kriminali (Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta) u x-xhieda, dokumenti u informazzjoni bdiet tingabar, tant hu hekk li fl-14 ta' April 2014 dik ix-xhieda, dawk id-dokumenti u dik l-informazzjoni migbura sa dak il-perjodu giet mibghuta mill-awtoritajiet tal-Kazakhstan mill-awtoritajiet Maltin. Illi l-awtoritajiet Maltin ircevew ukoll taht l-istess Konvenzjoni talba ghall-iffrizar tal-assi tar-rikorrenti, liema talba qed tigi ezegwita. Illi ghal dak li jirrigwarda flejjes, l-iffrizar taghhom jfisser biss li qed jakkumulaw l-imghax u li dan l-imghax jigi mizjud mal-kapital. Illi huwa krucjali li wiehed izomm ferm d-differenza netta li hemm bejn proceduri ta' estradizzjoni (li certament li f'Malta ma hemmx tali proceduri ghaddejjin) u proceduri ta' assistenza legali. Illi l-proceduri li hemm in konfront tar-rikorrenti huma biss dawk ta' assistenza legali liema assistenza legali issir bi tharis tal-garanziji kollha li jezistu f'Malta. Illi mhuwiex gjust li r-rikorrenti f'azzjoni ta' allegat ksur ta' dritt fundamentali bazat fuq allegat ksur ta' smigh xieraq jipprova jestendi l-

applikabilita' ta' tali dritt ghall-proceduri estaraneji ghal Malta. Illi l-Istat Malti jwiegeb biss ghall-agir li jsir fit-territorju tieghu u mhux f'territorju ta' pajjiz terz u li certament li jrid isir fil-proceduri odjerni huwa analizi ta' dak li sar f'Malta. Illi kien ikun differenti li kieku l-lanjanza kienet naxxenti minn talba ghall-estradizzjoni tal-individwu f'liema kaz kien ikun legittimu u kien jinkombi fuq il-Qrati domestici Rikjedenti li jaraw li l-indivdwu rikjest ma jintaghatx fi Stat fejn ma hemmx il-garanziji tad-drittijiet fundamentali. Ghal dawn ir-ragunijiet, kull allegazzjoni li qed issir a bazi ta' fatti skorretti ghandha tigi mwarrba mill-ewwel.

Fil-mertu, m'hemm l-ebda ksur tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti la taht il-Kostituzzjoni u lanqas taht il-Konvenzjoni.

Fir-rigward tal-allegazzjoni tar-rikorrenti ta' ksur ta' dritt ta' smigh xieraq, l-esponenti jissottomettu li l-gurisprudenza stabbiliet li dan id-dritt japplika ghal fazijiet qabel jibdew proceduri kriminali in kwantu dawn il-fazijiet jaffettwaw is-smigh xieraq fil-procedura nnifisha. Illi fil-kaz odjern, ir-rikorrenti Rakhat Shoraz kien inghata l-opportunita' li jkun assistit minn avukat ta' fiducja tieghu waqt it-tehid tax-xhieda tieghu quddiem il-Magistrat. Illi l-procediment kollu ta' *mutual assistance* sar bi tharis tad-dritt ta' smigh xieraq u li l-garanziji ta' smiegh xieraq kollha gew moghtija lir-rikorrenti fl-imsemmi procediment. Illi ghalhekk fl-assjem tal-procedura li qed issir Malta gew imharsa d-dettami tad-dritt ta' smigh xieraq.

Kif diga' inghad l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni mhux applikabbli ghall-procedura ta' inkjesta u dan peress li sa dak l-istadju hadd ma jkun akkuzat b'reat kriminali. Id-drittijiet kollha protetti fl-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni fil-kamp kriminali ghandhom il-premessa li persuna trid tkun akkuzata b'reat kriminali biex dawn japplikaw (ara Karl Heinrich Muscat vs Avukat Generali deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fis-sede kostituzzjonali taghha fis-17 ta' Jannar 2002).

Wkoll, l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni mhuwiex applikabbli ghall-procedura ta' inkjesta u dan peress li l-istadju ta' inkjesta mhux determinattiv ta' akkuza kriminali, u sa dak l-istadju ma jkunx hemm akkuza kriminali.

Il-procedura ta' *mutual assistance* naxxenti mill-Konvenzjoni li Malta rratifikat timponi obbligi internazzjonali fuq l-Istat Malti li ghandu jhares u jottempera ruhhu mad-disposizzjonijiet tal-istess Konvenzjoni. Illi gialadarba Malta rceviet talba ta' assistenza minn Stat Kontraenti iehor liema talba kienet tissodisfa r-rekwiziti mposti mill-istess Konvenzjoni, Malta hija obbligata li tesegwixxi dak mitlub minnha altrimenti hija tkun qed tonqos mill-obbligi internazzjonali assunti minnha. Illi certament li tali ottemperanza bl-ebda mod ma tilledi d-dritt ghal smigh xieraq ta' persuna li fuqha tkun qed tintalab li ssir l-assistenza gialadarba fl-essekuzzjoni ta' tali assistenza jitharsu l-principji li jigarantixxu d-dritt ta' smigh xieraq.

Rigward l-allegazzjoni sottili li l-Avukat Generali qed jagixxi b'xi intenzjoni ulterjuri fil-konfront tar-rikorrenti, l-esponenti jissottomettu li l-Avukat Generali miexi mad-dettami tal-ligi bi tharis tal-obbligi internazzjonali assunti minn Malta, haga li hija fid-dover tieghu li jaghmel.

Rigward l-allegazzjoni li hemm xi ksur tad-dritt ta' tgawdija ta' proprjeta' minhabba l-iffrizar tal-assi, l-esponenti jissottomettu li l-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni jipprovdi li jista' jkun hemm kontroll ta' uzu f'dan id-dritt fl-interess pubbliku. Certament li twaqqaf reat kriminali millijsehh jew ikompli jsehh huwa fl-interess pubbliku. Jinghad ukoll li r-rikorrenti ma qed jitilfu xejn mill-assi taghhom stante li l-imghaxijiet qed jakkumulaw mal-kapital. Illi ghal dak li jirrigwarda proprjeta' immobbli li r-rikorrenti ghandhom f'Malta, l-esponenti jissottomettu li ghalkemm sakemm tkun ghada in vigore l-ordni ta' ffirizar ma jistax isir caqliq ta' assi madanakollu huwa risaput li l-valur ta' proprjeta' immobbli dejjem tiela u li ghalhekk ma jistghux jilmentaw bi ksur ta' dana l-artikolu.

Jinghad ukoll li l-assistenza mitluba relattiva ghar-rikorrenti ilha ghaddejja dawn l-ahhar erba' snin u li tali assistenza kienet tirrigwarda l-assi tar-rikorrenti li gew iffrizati fis-sena 2013, wiehed ghalhekk legittimatament jistaqsi ghaliex il-procedura kostituzzjonali nbdiet issa: x'inhuwa l-fini tar-rikorrenti?

Ghal dak li jirrigwarda r-rimedju, l-esponenti jissottomettu li f'kaz ta' sejbien ta' ksur ta' dritt fundamentali huwa d-dikjarazzjoni ta' ksur li huwa r-rimedju li ghandu jinghata. Illi l-Istat ghandu obbligi internazzjonali li ma jistax jinjora u li r-rimedju mitlub fis-sens li titwaqqaf il-procedura ta' assistenza mhijiex gjusta ghaliex permezz ta' tali twaqqif il-pajjiz jkollu jgorr konsegwenti internazzjonali ghal tali twaqqif. Illi in oltre ghal dak li jirrigwarda r-rimedju li r-rizultanzi ma jintbaghtux u jigu distrutti, l-esponenti jissottomettu li fl-14 ta' April 2014 intbaghtu r-rizultanzi kollha li kienu ntlahqu ngabru sa dik id-data u li certament ghal dak li jirrigwarda r-rizultanzi li diga' tbaghtu tali rimedju huwa ezawrit fis-sens li ormai tali talba ma tistax tintlaqa' gialadarba dak li qed jintalab diga sehh.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri jekk ikun il-kaz.

Ghaldaqstant, l-esponenti jitolbu bir-rispett li dina l-Onorabbli Qorti joghgobha tichad it-talbiet tar-rikorrenti bl-ispejjez kontra l-istess rikorrenti.

Rat il-verbal registrat fl-udjenza tal-10 ta' Ottubru 2012 fejn gie registrat li l-partijiet jaqblu, u l-Qorti tordna li hekk ghandu jsir, illi:

(1) Li r-rikorrenti huma akkuzati b'diversi reati quddiem il-Qrati ta' Kazakhstan; (2) li l-proceduri quddiem il-Magistrat Dr. Claire Stafrace Zammit sa issa saru bil-maghluq, u minghajr ma r-rikorrenti kienu rapprezentati; (3) li minn issa 'l quddiem, il-proceduri quddiem il-Magistrat Dr. Claire Stafrace Zammit ghandhom jitkomplew fil-konfront tar-rikorrenti, li ghandhom ikunu rapprezentati, u jitqiesu li ghandhom 'legal standing' fil-kaz, qua akkuzati; ir-rapprezentant prezenti tar-rikorrenti huwa Dr. Joseph Giglio; (4) li f'dan l-istadju ebda dokument, stqarrija jew xhieda m'ghandha tintbaghat lill-Awtoritajiet ta' Kazakhstan qabel ma tigi deciza din il-kawza; u (5) Dr. Joseph Giglio ghandu jinghata access ghall-atti kollha li saru sa issa fil-kaz.

Fuq talba tal-Avukat Generali, in vista ta' dak li jiddisponi l-artikolu 649(5)(5B), il-Qorti tordna lill-istampa biex ma

jirrapurtawx dak li qed jigri quddiem il-Magistrat Stafrace Zammit.

Rat l-affidavits li pprezentaw il-partijiet u semghet ix-xhieda li l-partijiet ressqu bhala prova.

Rat in-noti tal-osservazzjonijiet li ressqu l-partijiet.

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti.

Ikkunsidrat:

Dan hu kaz fejn ir-rikorrenti qed jikkontestaw il-proceduri li qed isiru fil-konfront taghhom quddiem il-Qorti tal-Magistrati, fil-kompetenza taghha kriminali, wara li gew iffrizati l-assi taghhom hawn Malta u qed tingabar informazzjoni dwar il-proprjetà li jista' ghandhom f'Malta.  Dawn il-proceduri qed isiru a bazi ta' talba li saret ghall-ghajnuna fil-gbir tal-provi mill-Kazakhstan.  Ir-rikorrenti jsostni li f'dak il-pajjiz ma hemmx rispett lejn id-drittijiet fondamentali tal-bniedem, u, ghalhekk l-ghajnuna li l-istat Malti qed jaghti lil dak il-pajjiz jivvjola, fost ohrajn, l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem, u l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta.

Fl-istat ta' Kazakhstan ghaddejja investigazzjoni mill-awtoritajiet governattivi fil-konfront tar-rikorrenti li qed jigu akkuzati, fost affarijiet ohra, bi frodi u hasil ta' flus.  Dak il-pajjiz li bhal Malta, hu firmatarju tal-Konvenzjoni internazzjonali "On Mutual Assistance in Criminal Matters", qed titlob l-ghajnuna ta' Malta relatata mill-gbir ta' informazzjoni. Din it-talba ghall-ghajnuna ma gietx irtirata wara l-mewt tar-rikorrenti Shoraz Rakhat.  L-ordni ta' qbid u ffrizar li nhargu hawn Malta, inhargu a bazi tal-artikolu 23A u 435c tal-Kodici Kriminali, b'dan tal-ahhar jaghmel referenza ghall-artikolu 22A tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta) li jikkontempla sekwestru f'idejn terzi persuni b'mod generali ta' dak appertenenti lill-persuna involuta.  Is-smiegh ta' xhieda hija regolata bl-artikolu 649 tal-Kodici Kriminali.  Il-gbir ta' informazzjoni quddiem il-Magistrat, sa issa, saru bil-maghluq, u minghajr ma r-rikorrenti u/jew rapprezentanti taghhom kienu prezenti u b'verbal mizmum quddiem din il-

Qorti fl-10 ta’ Ottubru 2014, sar qbil li l-procedura tista’ titkompla, b’dan li r-rikorrenti, bhala akkuzati, jitqiesu li ghandhom “*legal standing*” fil-process. Dan il-verbal solva wahda mill-problemi li kellhom ir-rikorrenti. Fit-termini tal-artikoli tal-ligi fuq imsemmija, li iffrizar jew qbid tal-assi jittiehdu fil-konfront ta’ “akkuzat”, u bhala tali dik il-persuna hija intitolata tal-protezzjoni li joffri l-Kodici Kriminali Malti. Bhala persuna akkuzata, dik ghandha drit ukoll tkun rapprezentata minn avukat ta’ fiducja taghha.

F’dan il-kaz, jidher, li r-rikorrenti ma gewx notifikati personalment bil-proceduri kull meta l-Magistrat kienet qed tigbor il-provi, ghalkemm jidher li saret notifika f’idejn l-avukat taghhom li, però, informa lill-Magistrat li r-rikorrenti ma kienux prezenti Malta. Is-smigh tal-provi tkompla minghajr ma r-rikorrenti kienu rapprezentati, kif hemm qbil li sar skont il-verbal imsemmi tal-10 ta’ Ottubru 2014.

Il-proceduri hawn Malta jridu zgur isiru bir-rispett lejn id-drittijiet fundamentali tal-bniedem, u darba it-talba ta’ assistenza u l-iffrizar tal-assi saret fil-konfront ta’ persuna deskritta bhala “akkuzat”, dan tal-ahhar ghandu dritt igawdi mid-drittijiet li toffri l-ligi Maltija, fosthom li ma jsir xejn fl-assenza tieghu. Il-ligi Maltija toffri dan id-dritt lil kull akkuzat u persuna akkuzata b’reat barra mill-pajjiz ghandu dritt, fi proceduri relatati li jinzammu hawn Malta, ikun prezenti, almenu tramite ir-rapprezentant tieghu. Sar zball, fil-fehma ta’ din il-Qorti, li instemghu xhieda u ingabru dokumenti fl-assenza tar-rikorrenti.

Hu veru li l-artikolu 649(3) tal-Kodici Kriminali, jawtorizza lill-Magistrat tisma xhieda avolja l-akkuzat ma jkunx prezenti, però, hawnhekk il-kaz mhux biss relatat mas-smigh ta’ xhud li jinsab hawn Malta, izda ta’ gbir ta’ informazzjoni, wara iffrizar ta’ assi, in relazzjoni ma’ persuna akkuzata b’reati kriminali f’pajjiz iehor. Persuna akkuzata li jkollha l-assi taghha ffrizati ghandha dritt tkun prezenti meta qed tingabar informazzjoni fuq l-assi taghha.

Partijiet mid-dokumenti migbura lahqu intbaghtu lejn il-Kazakhstan, u din il-Qorti ma tistax tipprovdi fir-rigward; li

intbaghat, issa ntbaghat.  Dawk il-provi u dokumenti li ingabru fl-assenza tar-rikorrenti, izda li ghadhom ma ntbaghtux u jinsabu Malta, ma ghandhomx jintbaghtu ghax ma ngabrux bi tharis kif imiss tad-drittijiet fondamentali tar-rikorrenti.

Mhux kaz li hawn si tratta biss minn gbir ta' provi u mhux minn kawza kriminali (fis-sens ta' *trial*), ghax jibqa' l-fatt li dak li qed isir hawn Malta huwa parti minn process gudizzjarju ta' natura kriminali li qed isir f'pajjiz iehor, u, fis-sitema Maltija, process kriminali, irid isir fil-presenza tal-akkuzat.  Fil-verbal tal-10 ta' Ottubru 2014, sar qbil li r-rikorrenti ghandhom status ta' akkuzati u, bhala tali, ghandhom dritt igawdu mis-salvagwardi li joffru l-ligijiet ta' Malta.

Dment, allura, li l-Magistrat li qed tisma' li materja issegwi l-ligijiet ta' Malta fejn jidhol akkuzat, l-informazzjoni tista' tkompli tingabar.

Hemm, però, kwistjonijiet ohra x'jigu kkunsidrati.  Ir-rikorrent Shoraz Rakhat miet fil-mori tal-procedura, izda ma jidhirx li l-proceduri kontrih fil-pajjiz esteru gew irtirati.  Din il-Qorti ma taccettax li proceduri kriminali jistghu jitkomplew kontra persuna mejta; almenu, skont is-sistema lokali, l-isem ta' persuna mejta jew l-eredi taghha ma jistghux jibqghu ippersegwitati bi proceduri kriminali li allegatament tkun wettqet il-persuna mejta.  Din il-Qorti tara li hu kontra l-ordni pubbliku ta' Malta li proceduri kriminali jitkomplew kontra akkuzat mejjet, u li l-Magistrat tkompli tigbor informazzjoni in konnessjoni mal-persuna mejta, huwa ksur tad-drittijiet fondamentali tal-isem taghha.  Ghal fini ta' pajjizna, il-proceduri kriminali pendenti fil-Kazakhstan kontra r-rikorrent Shoraz Rakhat, huma estinti u l-awtoritajiet Maltin ma ghandhomx jikkorporaw aktar fil-proceduri kriminali li jistghu ghadhom pendenti fil-konfront tieghu.  L-assistenza qed tintalab in konnessjoni ma' proceduri kriminali, u hu x'inhu l-istat tal-ligi fil-pajjiz esteru, l-istat Malti ghandu jqis dawk il-proceduri estinti darba li l-akkuzat miet, u kwindi, il-Magistrat lokali ma ghandhiex tkompli tisma provi jew tigbor dokumenti relatati mar-rikorrent defunt.

Fir-rigward tar-rikorrenti Elnara Shorazova, l-armla tal-mejjet rikorrent Shoraz Rakhat, din ghandha proceduri kriminali pendenti gewwa l-Kazakhstan. Hi tghid li dawn il-proceduri huma fazuli u politikament motivati. Din il-Qorti ma tarax li ghandha kompetenza tidhol f'din il-materja, izda ghandha tara jekk ghandhiex thalli l-istat Malti jkompli jikkopera ma' sistema gudizzjarja li, qed jigi allegat, hi korrotta u/jew ma taghtix affidament ta' smiegh gust. Dan qed jinghad ghax din il-Qorti, fil-principju, ma tarax li l-istat Malti ghandu jghin fi twettiq ta' process gudizzjarju li, fih innifsu, ma jwassalx ghall-*fair trial*. Veru, li hawn mhux kaz ta' talba ta' estradizzjoni, fejn allura jidhlu kwistjonijiet marbuta mas-sigurtà fil-pajjiz esteru, però, din il-Qorti tifhem li, sa certu punt, l-ghajnuna ghandha, tinghata lill-awtoritajiet gudizzjarji li joffru *prima facie* garanzija ta' process ekwu u gust.

F'dan il-kaz, din il-Qorti tibda biex tissenjala zewg affarijiet li tqishom ta' certa importanza. L-ewwel haga li l-Kostituzzjoni ta' Kazakhstan, almenu fuq il-karta, toffri l-garanzija kollha mehtiega ghat-twettiq ta' smigh gust quddiem tribunal indipendenti u imparzjali. Il-provvedimenti tal-ligi jipprovdu ghall-hatra tal-gudikanti b'mod trasparenti u wara skrutinju mill-Kunsill Suprema tal-Gudikatura. It-tnehhija tal-gudikanti hija wkoll regolata bil-ligi, u ma hemmx skop ghat-tkeccija arbitrarja mill-awtorità governattiva tal-pajjiz. Hemm ligijiet li ma jippermettux indhil mill-awtorità fil-poter tat-tehid tad-decizjonijiet mill-gudikant.

It-tieni punt li din il-Qorti jidhrilha li ghandha tissenjalha huwa li, ghalkemm jinghad minn diversi persuni u ghaqdiet, li f'dak il-pajjiz is-sistema gudizzjarja ma hijiex konducenti ghal smiegh xieraq, wara riformi istituzzjonali li saru fil-pajjiz, in-Nazzjonijiet Uniti accetta li Kazakhstan tkun firmatarja tal-konvenzjoni li tipprovdi ghall-assistenza reciproka fi proceduri kriminali. Mhux qed tittratta l-pajjiz kif trattat, per ezempju, lill-Afrika t'Isfel u r-Rhodesia. In-Nazzjonijiet Uniti zgur li ghamel indagini tas-sistema gudizzjarja f'dak il-pajjiz, u sab li dak il-pajjiz jisthoqqlu l-assistenza tal-bqija tal-pajjizi l-ohra, meta jkunu qed jittiehdu proceduri kriminali kontra xi hadd f'pajjizu. Din il-Qorti ma tahsibx li n-Nazzjonijiet Uniti taghti, biex nghidu hekk, "permess" lill-pajjizi tad-dinja li jghinu fi

stharrig kriminali li jkun ghaddej fil-Kazakhstan li kieku, dak il-pajjiz ma joffrix il-minimu ta' garanzija ta' process xieraq.

Issa, f'dan il-process, hemm irrekordjat diversi rapporti, fosthom minn Amnesty International, dwar ksur sistematiku tad-drittijiet tal-bniedem fil-Kazakhstan. Huwa rraportat li f'dak il-pajjiz it-tortura hija komuni u l-indhil tal-awtoritajiet fis-sistema gudizzjarja, specjalment meta si tratta minn kawzi ta' natura politika, hija r-regola. Giet ipprezentata stqarrija tal-Imhallef Utemisova li qalet kemm, f'decizjoni partikolari, kellha pressjoni "minn fuq" biex tiddeciedi b'mod, u li giet imwarrba ghax illiberat persuna minn abbuz ta' *contract killing* kontra dettami superjuri.

Din il-Qorti qieset dawn ir-rapporti, izda tqis li hawn mhux kaz ta' talba ta' estradizzjoni, u ma hemmx talba biex Elnara Shorazova tintbaghat pajjiz fejn, hu allegat, it-tortura hi prattika. Indipendentement minn dan, hawn ghandna kaz fejn din ir-rikorrenti qed tigi akkuzata b'diversi reati ta' natura serja u gravi, u din il-Qorti ma tarax li ghandha tharbat l-investigazzjoni li qed issir billi zzomm lura mili tibghat certa informazzjoni lill-awtoritajiet kompetenti f'dak il-pajjiz.

Intqal hafna kif il-pulizija sigrieta f'Kazakhstan isegwu certi persuni u, sahansitra, jipprokura li htif jew il-qtil taghhom. Jirrizulta wkoll minn sentenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, kif xhieda gew ittorturati biex jaghti xhieda kontra r-rikorrent Shoraz Rakhat, u dik il-Qorti kkummentat negattivament fil-konfront ta' Kazakhstan. Jista' jkun li l-process kontra Shorazova mhux meqjus bhala kompletament hieles minn indhil politiku, però, din il-Qorti terga' ittenni li ma tarax li ghandha tfixkel l-investigazzjoni li qed issir relatata mal-akkuzi, l-aktar ta' natura finanzjarja, kontra taghha. Talbiet ghall-estradizzjoni ta' persuni lejn Kazakhstan jidher li gew michuda minn qrati f'pajjizi ohra Ewropea, però, ma jidhirx li gew michuda talbiet ghall-assistenza f'investigazzjonijiet, bhal ma hu l-kaz odjern. Investigazzjoni mhux gudizzju, u b'din l-assistenza d-dritt taghha ghal smiegh xieraq mhux ser jigi ppregudikat.

Hu veru li l-Kazakhstan mhux firmatarju tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, però, dan ma jfissirx li dak li jsir f'dak il-pajjiz hu kollu hazin, jew li investigazzjonijiet kriminali huma kollha manipulati. L-akkuzi fil-konfront ta' Shorazova huma serji u jistghu jinvolvu diversi pajjizi, fosthom Malta, u fil-limiti ta' talba ghall-assistenza, ma tarax li dan ghandu jkun michud.

Il-Qorti ma jidhirliex li ghandha tghaddi gudizzju fuq l-istat ta' demokrazija fil-Kazakhstan, ghax ma tqiesux daqshekk rilevanti ghal mertu ta' dan il-kaz. Hu minnu li l-istat ta' Kazakhstan huwa censurat minn diversi organizzazzjonijiet, u l-istorja taghha fil-harsien tad-drittijiet tal-bniedem, partikolarment fil-harsien tal-indipendenza tal-qrati, hija kritikata tista' tghid mill-agenziji internazzjonali interessati kollha (tant li l-parlament tal-Unjoni Ewropea f'rizoluzzjoni tat-13 ta' Marzu, 2014 osservat "*that the human rights situation in that country has deteroriated further...*"), però, jibqa' l-fatt li hawn si tratta minn gbir ta' informazzjoni li tista' tghin f'investigazzjoni ta' diversi reati kriminali, li f'dan il-kaz, mhux pruvat b'mod sodisfacenti li hija necessarjament motivata politikament. Malta ma gietx mitluba tibghat lil xi hadd lejn Kazakhstan, fejn allura jkunu japplikaw konsiderazzjonijiet ohra, izda biex tipprovdi assistenza skont konvenzjoni li z-zewg pajjizi huma firmatarji.

Din il-Qorti trid taghmilha cara li ma hi impressjonata xejn bix-xhieda ta' Dr. Alpysbay Zhusupov u tiqs li d-depozizzjoni tieghu ma taghti ebda fiducja ta' kredibilità. F'kull kaz, però, ma jirrizultax li l-akkuzi fil-konfront ta' Elnara Shorazova huma assolutament fiergha u bla bazi. Ma jirrizultax lanqas li ghandhom bazi guridika valida, però, ma tarax li ghandha izomm pajjiz iehor, firmatarju ta' konvenzjoni internazzjonali dwar assistenza reciproka f'materji ta' process kriminali, milli jkompli bl-investigazzjoni tieghu.

Din il-Qorti, fid-dawl tal-premess, ma tarax li l-azzjoni attrici hija intempestiva. Veru li l-proceduri legali fil-konfront tar-rikorrenti ghadhom ma nghalqux, però, ir-rimedju mitlub hu intiz ghar-regolamentazzjoni tal-procedura li ghandha tkun adottata fil-kaz. Dak li sar, sar u ma jistax jitregga lura u,

allura, jabel li jinghata l-provvediment opportun anke waqt li ghaddejjin il-proceduri.

Fil-kuntest ta' min hu legittimu kontradittur, ma hemmx dubju li l-Avukat Generali huwa dehen li jitqies ir-rapprezentant tal-Gvern ta' Malta f'dawn il-proceduri. Tqis, però, li trattandosi ta' ghajnuna u kooperazzjoni li qed tinghata lil stat barrani, u li dawn il-proceduri jolqtu anke s-sigurtà tal-pajjiz, il-Ministru ghall-Intern u Sigurtà Nazzjonali ghandu jibqa' parti f'dawn il-proceduri, ghalkemm tara li ma hemmx lok li l-Ministru ghall-Gustizzja jibqa' parti; tara li dan tal-ahhar hu denjament rapprezentat mill-Avukat Generali.

L-ilment tar-rikorrenti bazat fuq l-artikolu 32 tal-Kostituzzjoni ma jistax jigi mistharreg peress illi dan l-artikolu huwa sempliciment dahla ghal-lista tad-drittijiet umani, kif elenkati fil-Kostituzzjoni, u ghalhekk ir-rikorrenti ma tistax tinvokah kif qed tipprova taghmel – ara "Chabab vs Avukat Generali", deciza mill-Qorti Kostituzzjonali fid-29 ta' Novembru 2013.

Din il-Qorti ma tarax lanqas li l-proceduri in kwistjoni jinvolvu xi ksur tal-ewwel artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea. Il-mizura li minnha qed jilmentaw ir-rikorrenti ghandha l-iskop li tikkontrolla l-uzu tal-proprjetà u dan l-istat jista' jaghmelu fl-interess generali. Fil-fehma ta' din il-Qorti il-mizura mehuda saret taht qafas legali, saret ghal ghan legittimu (li sservi bhala deterrent fil-glieda kontra kriminalità organizzata u hasil ta' flus), u ittiehdet b'mod – specjalment wara li giet regolata minn din il-Qorti – li nzamm bilanc proporzjonali u gust bejn l-ghan socjali u l-htiega li jigu rispettati d-drittijiet fundamentali ta' dak li jkun. Fuq dan l-ahhar punt, din il-Qorti taqbel mal-osservazzjoni li ghamlu l-intimati fis-sens li gej:

*"Illi fil-kaz odjern, mill-provi rrizulta li z-zewg rikorrenti dejjem hadmu bhala ufficjali tal-Istat tal-Kazakhstan bil-konsegwenza li huma kellhom paga li kienu qeghdin jircievu ghas-servizzi taghhom. Illi minkejja li l-introjtu taghhom kien bil-wisq limitat irrizulta wkoll mix-xhieda li huma kellhom numru konsiderevoli ta' kumpaniji kemm f'Malta kif ukoll barra minn Malta kif ukoll numru ta' proprjetà ta' valur konsiderevoli. Jekk wiehed ihares*

*biss lejn il-proprjetà li nxtrat mir-rikorrenti f'Malta tali proprjetà tinsab f'postijiet fejn il-proprjetà tinbiegh b'valur kbir u li certament li persuni impjegati bil-paga biss ma jkunux jifilhu jhallsu ghax-xiri ta' tali proprjetà. Illi dan iwassalna ghall-argument li dawn l-assi li jinsabu Malta u li kienu nxtraw mir-rikorrenti nxtraw mill-attività illecita taghhom u li ghalhekk ma jistghux jilmentaw b'success li l-ordni ta' ffrizar qieghda ccahhadhom mill-possedimenti taghhom stante li l-istess rikorrenti akkwistaw tali proprjetà minn rikavat illecitu."*

Hu f'dan il-kuntest li din il-Qorti sejra tipprovdi li tirregola l-materja wara li tghid li sabet ksur, in parte, tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea u l-artikolu 39 tal-Kosittuzzjoni.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mit-talbiet tar-rikorrenti fis-sens li gej:

(i) Tordna li d-dokumentazzjoni li ngabet sa issa u li ghadha fil-pussess tal-awtoritajiet Maltin, ma tintbaghatx lejn Kazakhstan peress li ingabret bi ksur tad-drittijiet fondamentali tar-rikorrenti;

(ii) Tordna it-twaqqif b'mod immedjat ta' kull ghajnuna li l-awtoritajiet Maltin intalbu jaghtu marbuta mal-investigazzjoni fil-konfront ta' illum mejjet Rakhat Shoraz maghruf bhala Rakhat Aliyev; u

(iii) Tippermetti lill-awtorità Maltija tkompli toffri l-assistenza taghha u tibghat lejn Kazakhstan dokumentazzjoni li tingabar relatati mal-investigazzjoni li qed issir fil-konfront ta' Elnara Shorazova, b'dan li fil-gbir ta' din l-informazzjoni, l-imsemmija Shorazova ghandha titqies bhala akkuzata ghall-fini u effetti kollha tal-ligi kif hekk sar qbil b'verbal tal-10 ta' Ottubru 2012;

(iv) Tillibera lill-Ministru ghall-Gustizzja mill-osservanza tal-gudizzju.

L-ispejjez kollha tal-kawza jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

IMHALLEF

DEP/REG